**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U GĦOXRIN**

**16 ta' APRIL, 2012**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**25.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

25.1.1 Fir-rigward ta' punt 24.2.2 il-membru Joseph D'amato qal li l-globi taż-zebra crossing ta' Vjal l-Indipendenza għadhom ma nxtegħlux. Kien hemm qbil li jerġa jsir ir-rapport.

25.1.2 Fir-rigward ta' punt 24.3.2 iċ-Chairperson qal li s-Saint John Ambulance jaċċettaw donazzjonijiet biss u mhux ħlas għas-serivzz li jagħtu. Minħabba li l-Kumitat Amministrattiv ma jistax jagħti donazzjonijiet, iċ-Chairperson ippropona li jitkellem mal-Kumitat tal-Kultura fi ħdan is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina biex jagħtu d-donazzjoni huma għal dan is-servizz, filwaqt li l-Kumitat jiffinanzja parti oħra tal-attivita'.

Kien hemm qbil fuq dan.

***25.2*** ***Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

25.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li x-xogħol fil-ġnien ta' Triq in-Nigret mistenni jibda f'din il-ġimgħa. Mistenni jibda

ukoll ix-xogħol fi Triq Goswalda Calleja u Triq Dun Nard Mallia. Hu żied jgħid li l-kuntrattur għandu l-permessi kollha meħtieġa biex jibda.

25.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppropona li tintbagħat talba lill-WSC sabiex jagħtu pompa antika li kienet tintuża biex tiippompja l-ilma mill-ġibji.

Kien hemm qbil li l-membru Joseph Caruana jistaqsi lil min trid issir it-talba u jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv fuq dan.

### *25.3 L-attivita' għall-Puttinu Cares*

25.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li milli qalulu r-residenti l-attivita' ta' puttinu kienet suċċess. Għalkemm ma tantx kien hemm nies li offrew figolli, kien hemm nies li pparteċipaw fid-donazzjonijiet lil Puttinu Cares u waqt l-isfilata tal-iscouts.

Kien hemm qbil li l-bottijiet ta' Puttinu Cares jittieħdu mis-Segretarju Eżekuttiv u tinġabar irċevuta.

### *25.4 Ilmenti*

25.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn ta' patching fi Triq Bubaqra u fi Triq San Martin. Kien hemm qbil li tintagħat l-ordni.

25.4.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn li jitwaħħlu l-bollards u l-bank li kien hemm qbil li jitwaħħlu fl-aħħar seduta. Kien hemm qbil li l-ordni ssir lill-Kuntrattur Mallia.

25.4.3 Il-membru Joseph Caruana qal li l-kuntrattur li kien qed jaqta l-ħaxix fi Triq Ħal Far ma kompliex u ħalla kollox nofs xogħol. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tkellem lill-Kuntrattur.

25.4.4 Il-membru Joseph D'Amato qal li fi Triq San Martin hemm żewġ ġebliet bil-firdiferru imdawwar magħhom. Dawn hemm bżonn li jittieħdu mal-iskart goff. Kien hemm qbil fuq dan.

25.4.5 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn li r-roundabout tal-Misraħ Santa Marija tiġi rranġata. Kien hemm qbil li waqt li jkun qed jaħdem il-kuntrattur fuq it-toroq u l-proġett li ssemmew f'punt 25.2.1 issirlu ordni ta' dan ix-xogħol ukoll.

25.4.6 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn li titwaħħal mera faċċata ta' Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia, fi Triq Bubaqra. Kien hemm qbil li issir l-ordni.

25.4.7 Il-membru Joseph Caruana qal li għalkemm tlabna lill-Perit Bezzina biex jagħmel laqgħa mal-KAB u mal-kuntrattur tal-bankini re: bankina li saret fi Triq Isward Xuereb, il-perit għadu ma rrispondiex.

Kien hemm qbi li terġa tinġibed l-attenzjoni tal-perit.

25.4.8 Il-membru Joseph Caruana talab rendikont ta' fejn qed ikun il-warden fiż-Żurrieq/Bubaqra. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha titlob dan ir-rapport u tressqu f'seduta li jmiss.

25.4.9 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li fi Triq Saverio Laferla xi ħadd ipparkja dgħajsa u din qed ittellef parkeġġ u tostakola parti mit-triq. Kien hemm qbil li jitressaq ilment l-għassa.

25.4.10 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li fejn id-dog bin ta' Vjal l-Indipendenza qed iħallu boroż tal-iskart.

***25.5 Appuntament għas-seduta li jmiss***

25.5.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 7ta' Mejju, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

25.5.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-7.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta'Mejju, 2012.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**